**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru, 2015

Rikors numru : 48/15 AL

**AB**
vs
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000), u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument 'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tlett ulied li jisimhom N B li twiledet fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005), P B li twieled fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), u G B li twieled fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), u b'hekk it-tlieta minorenni, certifikat tat-twelid annessi u markati Dokument 'B','C' u 'D'.

3. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-intimata irrendiet ruhha hatja lejn zewgha r-rikorrent ta’ adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru.

4. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi r-rikorrent ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f’dina l-istanza kontra martu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet datat tnax (12) ta’ Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema awtorizzazzjoni giet estiza ghal perjodu ulterjuri ta’ xahrejn permezz ta’ digriet datat tmienja (8) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), skont ma jirrizulta mid-Dokument ‘E’ u Dokument ‘F’ li qed jigu annessi.

Talab ghar-ragunijiet permessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tistabbilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.
ii. Tawtorizza lir-rikorrent jghix separat mill-intimata martu.
iii. Tafda lir-rikorrent bil-kura u kustodja tal-minuri N, Floyd u G ahwa B, salv l-access tal-intimata ghall-istess ulied minuri jekk ikun il-kaz.
iv. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent ghalih u ghall-ulied minuri N, P u G ahwa B dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni

ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimata jekk ikun il-kaz, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

v. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimata l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

vi. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrent il-beni u krediti parafernali u dotali tieghu.

vii. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tar-rikorrent u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess rikorrent kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.

viii. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

ix. Tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata mir-rikorrent flimkien mat-tlett ulied minuri N, Floyd u G ahwa B.

x. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

xi. Tawtorizza lir-rikorrent li jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li qeghda tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-rikors tal-intimata li permezz tieghu il-konvenuta tippremetti :

Illi nhar l-24 ta' Marzu 2015, l-esponenti giet innotifikata bl-atti tar-rikors guramentat odjern f'liema hija giet interpellata biex fi zmien 20 jum min-notifika, tghaddi biex tintavola r-risposta guramentata taghha;

Illi kien ghalhekk illi immedjatament hija avvicinat lill-Avukata li kienet tippatrocinaha qabel; liema infurmatha illi t-terminu tar-risposta jibda jiddekorri mill-ewwel dehra u li ghaldaqstant fl-immedjat ma kellu jsir xejn. L-esponenti lesta li tikkonferma s-suespost bil-gurament;

Illi ovvjament, l-esponenti striehet fuq il-kelma tal-professjonista li hija ingaggat, sakemm recentement, propju nhar il-15 t'April 2015, hija avvicinat lill-Avukati sottoskritti bil-kaz taghha ghax xtaqet li tbiddel il-konsulent legali taghha;

Illi l-avukati sottoskritti immedjatament infurmawha li hija kellha tirrispondi ghall-kawza fi zmien 20 jum min-notifika tal-istess att; liema jirrizulta li kienu skorrew propju biss b'gurnata; madanakollu jirrizulta illi skont ir-regoli tal-procedura, hija kontumacja u dana sakemm dina l-Onorabbli Qorti ma tipprovdix mod iehor;

Illi ghaldaqstant fil-prezent, l-esponenti kellha zewg opzonijiet, jew li tintavola medjazzjoni mill-gdid biex terga' tigi moghtija l-Awtorizzazzjoni biex tipprezenta l-kawza ta' separazzjoni taghha, jew li taghmel rikors appozitu biex tiggustifika l-kontumacja taghha;

Illi umilment jigi sottomess, illi l-kontumacja o meno` tal-esponenti bl-ebda mod ma' hija ser tippregudika lir-rikorrent u dana gja la darba hija tista' terga' tibda l-proceduri ta' separazzjoni mill-gdid u ghalhekk tissanzjona l-posizzjoni legali taghha mill-gdid, bid-differenza li l-proceduri ser jitwalu inutilment u l-ispejjez ser jirduppjaw ghaz-zewg partijiet;

Illi, ghaldaqstant, mis-suespost jirrizulta illi l-kontumaċja in kwistjoni m'hix b'xi mod attribwibbli lill-esponenti jew ghaliex b'xi mod hija kienet non-kuranti tal-obbligi legali taghha, jew b'xi

nuqqas ta' rispett lejn din l-Onorabbli Qorti jew il-proċeduri ġudizzjarji;

Talbet tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li sabet ruhha fihom, li r-rikorrenti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tawtorizzaha tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha u l-kontro-talba appozita, u dana salv kull provvediment iehor li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti li permezz taghha ippremettiet :

Illi r-rikorrent gie awtorizzat jintavola r-risposta odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' April 2015.

Illi jinghad li l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwiegeb għax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni socjali *(Helen sive Nellie armla mill-Avukat Dottor Joseph Miceli et v Carmelo sive Charles Pisani, Prim'Awla, deciza 28 ta' Ottubru, 2004 Citazzjoni Numru 1761/2001).*

Illi dan l-insenjament gie konfermat f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna fosthom mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet *Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited (Citazzjoni Numru 126/2003/1)* fejn inghad is-segwenti:

> *"L-istitut tal-kontumacja li dwaru gie interpost l-appell in ezami minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi.* ***<u>L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-</u>***

> ***nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena*** *– dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali (ara wkoll id-decizjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170).;*
>
> *Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni tal-konvenut milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' gustizzja, "ixellfu" din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet fil-kawza –* ***li l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata."***

Illi huwa minnu li mat-trapass taz-zmien il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata izda dan meta l-kontumacja hija wahda gustifikata u cioe` meta l-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija.

Illi apparti l-gurisprudenza li titkellem fuq raguni gustifikata, il-Ligi, senjatament l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, titkellem dwar raguni tajba:

> ***158. (10)*** *Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti*

*tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti* ***raġuni tajba*** *li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.* (enfazi tar-rikorrent).

Illi b'kull dovut rispett ir-raguni li tat l-intimata ghal nuqqas taghha, u cioe` li l-avukat taghha infurmaha li t-terminu tar-risposta jibda jiddekorri mill-ewwel dehra, ma tista' qatt tikkwalifika bhala raguni tajba jew raguni li twassal sabiex il-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.

Illi l-ewwel u qabel kollox, b'riferenza ghar-rikors guramentat notifikat lill-intimata, jirrizulta li l-intimazzjoni/avviz rikjest ai termini tal-Artikolu 156(1)(d) hija cara u ma tehtieg ebda interpretazzjoni u r-rikorrenti ma tista qatt titwemmen f'dak li tipremetti u cioe li hija kienet tal-fehma li r-risposta taghha ghandha tigi intavolata fi zmien ghoxrin gurnata minn wara l-ewwel dehra quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat jindika b'mod car li r-risposta ghandha tigi ntavolata risposta fi zmien ghoxrin gurnata **min-notifika u mhux mill-ewwel dehra**.

Illi l-avviz rikjest mill-Ligi huwa intiz propju sabiex kwalukwe persuna li tircievi rikors guramentat tifhem l-obbligi taghha u mhux tinjora l-atti notifikati lilha. Huwa ghalhekk illi l-kontumacja qiegheda hemm propju bhala sanzjoni sabiex jigi kastigat min ma jobdix l-intimazzjoni li tinghata lilu skont il-ligi sabiex iwiegeb fit-terminu statutorju ta' ghoxrin jum.

Illi dak premess mill-intimata iqanqal dubji serja kemm l-intimata verament marret ghand l-avukat ta' fiducja tagha qabel l-iskadenza tat-terminu ta' ghoxrin gurnata u kif ukoll u li l-istess avukat infurmata li t-terminu moghti mill-Ligi jibda jiddekkori

mill-ewwel dehra. **Fi kwalunkwe kaz l-intimata ghandha ggib il-prova ta' dak allegat minnha.**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad ukoll li l-argument li l-intimata ghandha d-dritt li tintavola medjazzjoni mill-gdid huwa wiehed fallaci. Jibda l-ewwel u qabel kollox billi jinghad illi l-fatt wahdu li l-intimata ghazlet li tintavola rikors sabiex tittanta tiggustifika l-kontumacja taghha minflok ma ipprocediet mal-ewwel billi tiftah proceduri ta' medjazzjoni (kif suggerit minnha), huwa konferma ta' l-fatt li m'huwiex possibbli ghaliha li titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti mill-gdid sabiex tigi awtorizzata tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni.

Illi sfortunatament l-intimata diga qed turi l-karattru taghha u donnha qed tindika li jew ha tghaddi taghha jew altrimenti tipprova tqarraq bil-Qorti u filwaqt li ma tippremettix li hija diga tinsab ghaddeja minn proceduri ta' separazzjoni, titlob mill-gdid sabiex jinhatar/tinhatar medjatur/rici u fl-eventwalita' ta' nuqqas ta' qbil tawtorizzaha tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni. L-Avviz Legali 397/2003 jaghti l-opportunita' lill-partijiet li jintavolaw ittra ta' medjazzjoni sabiex fin-nuqqas ta' qbil bejniethom jigu awtorizzati jipprocedu b'kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti. Il-partijiet f'din il-kawza diga inghataw l-opportunita' minn din il-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datata 12 ta' Novembru 2014, izda l-intimata apparti li ghazlet li tinjora r-rikors guramentat notifikat lilha, kienet ghazlet ukoll li tinjora l-imsemmi digriet.

Illi in oltre jigi rilevat li l-istess argument tal-intimata, iwassal ghal konfuzzjoni shiha fis-sistema gudizzjarja taghna ghaliex dak premess mill-intimata jfisser li kwalunkwe intimat/a f'kawza ta' separazzjoni, anke jekk ikun intavola r-risposta fit-terminu ta' ghoxrin gurnata, jista **<u>f'kull stadju</u>** tal-kawza jitlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex jipprocedi b'kawza ta' separazzjoni mill-gdid.

Illi f'dan ir-rigward wiehed hawnhekk jistqasi: ghaliex il-Ligi tippreskrivi terminu ta' xahrejn sabiex wiehed jipprocedi b'kawza? Certament mhux biex dak li jkun jabbuza mis-sistema u jintavola medjazzjoni mill-gdid meta diga` hemm rikors

guramentat pendenti quddiem il-Qorti u certament mhux sabiex wiehed jabbuza mill-proceduri ta' medjazzjoni u r-rizorsi tal-Qorti tal-Familja sempliciment ghaliex dak li jkun jinsab kontumaci fl-istess kawza pendenti.

Illi jigi enfasizzat li kienet propju l-intimata li kienet fethet il-proceduri ta' medjazzjoni u nonostante dan hija lanqas indenjat ruhha tipprocedi b'kawza wara li l-proceduri ta' medjazzjoni inghalqu fuq ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta.

Illi l-fatt li l-intimata qatt ma pprocediet b'kawza fit-terminu moghti mill-Ligi juri bic-car li l-intenzjoni taghha li tintavola proceduri ta' medjazzjoni fl-eventwalita` li dina l-Qorti ma takkordax it-talba taghha sabiex tipprezenta risposta guramentata, hija sempliciment abbuz da parti taghha tas-sistema u tar-rizorsi tal-Qrati.

Illi l-intimata tista' tintavola ittra wara ohra ta' medjazzjoni izda xorta wahda dina l-Onorabbli Qorti ghandha rikors guramentat quddiemha liema rikors ghandu jigi deciz u certament ma jkunx gust li r-rikorrent jbati iktar spejjez minhabba t-traskuragni tal-obbligi legali tal-intimata jew aghar minn hekk, minhabba l-abbuz sfaccat tar-rizorsi tal-Qorti li qed tipproponi li taghmel l-intimata.

Illi ghalhekk it-talba tal-intimata ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Tant ghandu x'jissottometti r-rikorrent ghall-gudizzju savju u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimata.

Il-Qorti tinnota li l-intimata giet debitament notifikat bir-rikors guramentat nhar l-24 ta' Marzu 2015 u dan kif jirrizulta mir-referta esebita in atti a fol 17 tal-process.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimata ma prezentax ir-risposta guramentata taghha fit-terminu ta’ ghoxrin gurnata stipulati mil-ligi izda permezz ta’ rikors datat is-16 ta’ April 2015. Hija tispjega li wara li hekk kif irceviet ir-rikors promotur, hija marret ghand l-avukat precedenti taghha fejn din tal-ahhar infurmatha li t-terminu ghar-risposta jibda jiddekorri mill-ewwel dehra. Ssostni li lesta li tiddikjara dan bil-gurament. L-istess intimata strahet fuq dak li qaltilha l-konsulent legali taghha, pero’ x’hin iddecidiet li tbiddel il-konsulent legali taghha, saret taf li kien ghadda z-zmien relattiv biex tipprezenta r-risposta guramentata taghha, ghalkemm dan kien biss b’gurnata wahda. Permezz tal-istess rikors taghha, l-intimata ssostni li giet rinfaccata b’zewg ghazliet u cioe’ li tintavola medjazzjoni gdida u tkun awtorizzata tipprocedi b’kawza hi *ad hoc* jew li tipprezenta r-rikors imsemmi sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha. Izzid tghid li f’kaz li din il-Qorti taghtiha l-awtorizazzjoni li tipprezenta risposta guramentata, l-attur m’hu ser ikun pregudikat bl-ebda mod specjalment in vista tal-fatt li tista’ tintavola proceduri ta’ medjazzjoni godda li jwassluha sabiex tintavola kawza gdida f’isimha kontra l-attur. L-unika differenza hi li l-ispejjez jirduppjaw ghaz-zewg partijiet u l-proceduri jitwalu inutilment. Taghlaq ir-rikors taghha billi tghid li l-kontumacja finalment m’hijiex attribwibbli ghal xi agir da parti taghha li jista’ jinghad li kienet non-kuranti tal-obbligi legali taghha jew li uriet xi nuqqas ta’ rispett lejn il-Qorti.

Illi l-attur permezz tar-risposta tieghu datata s-6 ta’ Mejju 2015[1] jopponi ghat-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja u jzid jghid li l-ligi timponi piena fuq kull min ma jwegibx ghal talba fiz-zmien stipulate, liema piena tkun dik li l-intimat ma jkunx awtorizzat jippartecipa bis-shih fil-kawza u ma jkunx jista’ jressaq il-provi tieghu. Jikkwota gurisprudenza u cioe’ l-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Lif Assurance Co. Limited**[2] fejn inghad li “***l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita’ tal-procedura ghandha tigi mitigate fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien***

[1] Ara a fol 6 tal-process
[2] Citazzjoni Numru 126/2003/1

***hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata***". Pero' l-attur jargumenta li l-intimata m'ghandha ebda gustifikazzjoni ghaliex m'ghandhiex raguni tajba u valida sabiex il-kontumacja taghha tigi gustifikata. Fid-dawl tal-avviz imnizzel fir-rikors promotur, l-attur jargumenta li l-verzjoni li taghti l-intimata ma tistax titwemmen ghaliex l-istess avviz ma jhalli ebda lok ghal xi forma ta' interpretazzjoni dwar meta ghandha tigi intavolata r-risposta guramentata. F'dan il-kuntest l-attur jiddubita li l-intimata verament marret ghand l-avukat tal-fiducja taghha *entro* t-terminu u ghalhekk jishaq li tressaq il-provi fuq l-istess. Dwar il-possibilita' li l-intimata tipprocedi b'medjazzjoni gdida li twassalha sabiex tkun tista' tintavola kawza gdida, l-attur jghid li dan l-argument juri verament il-karattru tal-intimata u cioe' li jekk ma tghaddix taghha, allura tipprova tqarraq bil-Qorti u tipprova tintavola proceduri ta' medjazzjoni godda meta dan mhux possibbli peress li l-partijiet diga' ghaddew minn tali process, gew awtorizzati sabiex jintavolaw ir-rikors guramentat rispettiv taghhom u l-intimata naqset milli taghmel dan, kif wara kollox naqset ukoll milli tirrispondi ghall-istess rikors guramentat. Ghalhekk fil-kuntest ta' dan kollu l-attur jishaq li jekk l-intimata tintavola proceduri godda ta' medjazzjoni, dan ikun abbuz tas-sistema u tar-rizorsi tal-Qorti.

Fil-mori tar-rikors odjern, xehdet Dr. Josephine Farrugia Mifsud[3] li spjegat li l-intimata kienet cemplitilha meta giet notifikata bir-rikors promotur u marret tkellimha dak inhar stess. Ix-xhud izzid tghid li spjegatilha wkoll li l-Qorti imponiet zmien ghall-prezentata tal-affidavits u taghtha appuntament biex jibdew jahdmu fuq l-istess affidavits. Fil-frattemp li bdiet tahdem fuq l-affidavits, ix-xhud intalbet ir-*release* u wara xi komunikazzjoni permezz tal-messaggi tat-telefon, intbghatu d-dokumenti lura lill-intimata. Ma tiftakarx jekk fakkrithiex dwar it-terminu li kien ghaddej izda zzid tghid li l-istess intimata ma tifhimx dak li jkun hemm miktub fl-enkartament specjalment il-kliem uzat bhal 'rikorrent', 'konvenut' jew 'intimat' ghax trid tispjegalha kollox. In kontro-ezami, mistoqsija jekk fl-ewwel laqgha li kellha mal-

[3] Ara x-xhieda taghha datata l-25 ta' Gunju 2015 esebita a fol 14 tal-process

intimata kienitx kellmitha fuq it-terminu, x-xhud tikkonferma fl-affermattiv. Mistoqsija dwar jekk qaltilhiex li t-terminu jibda jiddekorri minn dak inhar li rceviethom jew le, x-xhud tghid li ‘le right away, b’hekk bdejt nahdem fuq l-affidavit’[4]. Tghid li fl-ebda hin ma qaltilha li t-terminu jibda jiddekorri wara l-ewwel seduta pero’ tispjega li l-intimata ma tifhimx u jista’ jkun li kien hemm *misunderstanding* ghaliex l-intimata tkun konfuza u gieli ccempel fuq l-istess affarijiet. Mistoqsija jekk meta saret it-telefonata u ntalbet ir-*release* regghetx fakkritha dwar it-terminu, x-xhud tghid li t-telefonata inqatghet fil-qasir u ghalhekk ma fakkrithiex. Ir-release inghata fl-istess gimgha li gara dan kollu.

Tixhed ukoll l-intimata prodotta mill-attur[5] fejn tikkonferma li taf taqra u li ghamlet sal-Form 5 skola. Tikkonferma li qrat id-dokumentazzjoni li rceviet pero’ li ma fehmet xejn. Tghid li marret ghand l-avukat Farrugia fejn fehmitha l-karti u wara jumejn iddecidiet li tieqaf minn maghha. Mistoqsija mill-Qorti dwar jekk l-avukat fehmithiex li trid twiegeb fi zmien ghoxrin (20) gurnata, l-intimata tghid li l-avukat fehmitha l-karti kollha u qaltilha li trid tahdem fuqha, pero’ tghid li ma semmietx il-kwistjoni tal-ghoxrin (20) gurnata imma li trid tahdem fuqha. Mistoqsija mill-Qorti jekk jistax ikun li l-avukat semmiet dawn l-ghoxrin (20) gurnata imma hi ma fehmitx, l-intimata tghid li jista’ jkun. Mistoqsija dwar kemm kien ghadda zmien bejn l-ewwel appuntament mal-avukat Farrugia, t-talba ghar-*release* u l-laqgha mal-avukat Mizzi, l-intimata l-ewwel tghid li gimgha, pero’ mbaghad tghid li jista’ jkun li ghadda aktar zmien. Mistqosija fuq ir-raguni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, l-intimata tghid li nsiet ir-raguni peress illi tecita ruhha. Issostni li ma fehmitx li kien hemm zmien ta’ ghoxrin (20) gurnata biex tirrispondi ghaliex kieku kienet tahdem fuqha.

F’dan l-istadju l-Qorti ser taghmel referenza ghall-gurisprudenza nostrana applikabbli ghall-gustifikazzjoni *o meno* tal-kontumacja, fosthom il-kawza fl-ismijiet **Vittorio Cassar vs**

[4] Ara a fol 15 tal-process
[5] Ara x-xhieda taghha datata l-25 ta’ Gunju 2015 esebita a fol 18 tal-process

**Carmelo Vassallo**[6] fejn gie dikjarat li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, ma jridx ikun hemm element ta' *culpa* da parti tal-istess intimata izda jrid necessarjament ikun hemm element li permezz tieghu verament juri li kien hemm kawza legittima (u cioe' ***una ragione indipendente dalla volonta' di chi e' chiamato a subire, o necessita' impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili***[7]) ghal tali nuqqas ta' prezentata ta' risposta fit-terminu impost. Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**[8] fejn il-Qorti tal-Appell esponiet il-fundament razzjonali tal-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja. Fi kliem l-istess Qorti,

"….***Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata***."

Il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotti, specjalment mix-xiehda tal-intimata stess, jirrizulta b'mod car li l-istess intimata tkun konfuza u ma tifhimx precizament dak li jkun qed jinghad lilha. Il-Qorti taghti kredibilita' lill-avukat Farrugia li tghid li spjegatilha li hemm terminu ta' ghoxrin (20) gurnata izda *stante* li ftit wara intalbet ir-*release* u tali *release* intalab minn terza persuna, l-istess avukat ma fakkritx lill-intimata bit-terminu tal-ghoxrin (20) gurnata. Il-Qorti, anke wara li semghet lill-intimata tixhed, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-istess intimata ma fehmitx li seta' kien hemm zewg termini u ċioe' dak ghall-prezentata tar-

[6] Vol. XXIX.I. 1581 deciza nhar id-29 ta' Mejju 1937
[7] Callus vs Chircop (1926)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell 1995

risposta guramentata u dak ghall-prezentata tal-affidavits. Fehmet biss li l-avukat Farrugia ser tahdem fuqha. Anke l-avukat Farrugia stess tikkonferma li l-intimata ghandha bzonn lil min jispjegalha darba, darbtejn u tlieta biex tifhem u ghalhekk jidher li l-istess intimata verament ma fehmitx dak li kien mistenni minnha. L-fatt li ntalab ir-*release* fl-istess zmien li giet notifikata bl-atti zgur li ma ghenx fis-sitwazzjoni u jirrizulta li sakemm ingabar il-*file* u sar l-appuntament il-gdid mal-avukat Mizzi kien skada z-zmien b'gurnata. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li r-rikors guramentat kien jinkludi fih is-solita twissija ghal twegiba fi zmien ghoxrin jum u dwar dan m'hemm ebda dubju. Izda minkejja dan kollu, l-Qorti hija sodisfatta li l-intimata genwinament ma rrispondietx ghar-rikors guramentat fiz-zmien opportun ghaliex fl-ewwel lok ma fehmitx precizament dak li kien rikjest minnha, kif ukoll ghaliex kien hemm konfuzjoni dwar min ser jirrapprezentaha. Il-Qorti taghti kredibilita' lill-intimata li genwinament tfixklet jew ma fehmitx dak rikjest lilha ghaliex minkejja s-solita twissija, huwa facli li meta wiehed jinfixel ma jzommx kont ta' dak li jkun ghaddej precizament. Il-fatt li l-intimata marret ghand zewg avukati differenti fl-istess zmien tan-notifika juri wkoll li l-intimata ma warrbitx l-enkartament u ma tatx kaz, anzi juri li verament riedet taghmel dak kollu li kien hemm bzonn pero' ma fehmitx li dan kellu jsir fi zmien ghoxrin (20) gurnata. Ghalhekk huwa car li l-intimata ma kellha ebda intenzjoni li ma tirrispondix ghal tali kawza u ghalhekk fic-cirkustanzi l-Qorti thoss li jkun ekwu u gust li l-intimata tinghata l-opportunita' li tirrispondi *stante* li s-sanzjoni tal-kontumacja tkun punittiva wisq fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, anke tenut kont li l-mertu tal-kawza jdur ukoll fuq il-minuri wlied il-partijiet u ma jkunx gust (anke ghall-istess minuri) li ommhom ma jkollhiex l-opportunita' li ssemma' lehinha fi kwistijonijiet li huma direttament relatati ma' wliedha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghha u tordna lill-intimata sabiex tipprezenta r-risposta guramentata taghha fi zmien ghoxrin jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.